Verżjoni Elettronika

A.L. 153 tal-2024

ATT DWAR L-AGRIKOLTURA
(KAP. 639)

Regolamenti tal-2024 dwar il-Produzzjoni Primarja tal-Ikel ta' Oriġini mhux mill-Annimali (Inkluż il-Produzzjoni tan-Nebbieta)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7 tal-Att dwar l-Agrikoltura, il-Ministru responsabbli għall-agrikoltura u l-affarijiet rurali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, għan, applikabbilità u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 dwar il-Produzzjoni Primarja tal-Ikel ta' Oriġini mhux mill-Annimali (Inkluż il-Produzzjoni tan-Nebbieta).

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jimplimenta r-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel, ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 208/2013 tal-11 ta' Marzu 2013 dwar ir-rekwiżiti ta' traċċabbiltà ta' żrieragħ imnibbta u ż-żerriegħa maħsuba għall-produzzjoni tan-nebbieta, kif fis-seħħ minn żmien għal żmien.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw unikament sa, u jinkludu l-istadju tal-produzzjoni primarja tal-ikel ta' oriġini mhux mill-annimali, inkluż il-produzzjoni tan-nebbieta.

(4) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Verżjoni Elettronika

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra;

Kap. 639.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Agrikoltura;

"awtorità kompetenti" għandha tfisser d-Direttorat tal-Agrikoltura kif riferut fl-Att;

"operaturi" tfisser operaturi involuti fil-produzzjoni primarja ta' ikel ta' oriġini mhux mill-annimali, inkluż il-produzzjoni tan-nebbieta;

"Regolament dwar l-Iġjene tal-Oġġetti tal-Ikel" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel, kif fis-seħħ minn żmien għal żmien.

"Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali" tfisser ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali), kif fis-seħħ minn żmien għal żmien;

"Regolament dwar it-Traċċabilità" tfisser ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 208/2013 tal-11 ta' Marzu 2013 dwar ir-rekwiżiti ta' traċċabbiltà ta' żrieragħ imnibbta u ż-żerriegħa maħsuba għall-produzzjoni tan-nebbieta, kif fis-seħħ minn żmien għal żmien.

L-irwol tal-awtorità kompetenti.

3. L-awtorità kompetenti għandha tkun responsabbli għall-finijiet tal-produzzjoni primarja ta' ikel ta' oriġini mhux mill-annimali, inkluż il-produzzjoni tan-nebbieta, kif inkluż taħt l-ambitu legali tal-kontrolli uffiċjali skont ir-Regolamenti Ewropej stipulati f'dawn ir-regolamenti, u għandu jkollha s-setgħat, il-funzjonijiet, l-obbligi u r-responsabbiltajiet kollha previsti mill-imsemmija Regolamenti sabiex

Verżjoni Elettronika

jiġu implimentati tali Regolamenti f'Malta.

Approvazzjoni tal-operaturi.

4. Bla ħsara għar-regolament 3, l-awtorità kompetenti għandha tkun responsabbli wkoll għall-approvazzjoni ta' operaturi skont l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar l-Iġjene tal-Oġġetti tal-Ikel:

Iżda l-operaturi għandhom ikunu konformi mar-Regolamenti speċifikati f'kull waqt u fin-nuqqas ta' dan l-awtorità kompetenti tista' tissospendi jew tirrevoka l-approvazzjoni tagħha:

Iżda wkoll l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi kondizzjonijiet fuq l-operaturi sabiex tiżgura l-konformità mal-imsemmija Regolamenti f'dak iż-żmien li hija tista' tistabbilixxi, u fil-każ tan-nuqqas ta' sodisfazzjon ta' dawk il-kondizzjonijiet l-awtorità kompetenti għandha tissospendi jew tirrevoka l-approvazzjoni tagħha.

Aċċess għad-data.

5. L-awtorità kompetenti għandha jkollha s-setgħa li titlob lill-korpi pubbliċi kollha li jwettqu funzjonijiet relatati mal-agrikoltura u, jew mal-bdiewa sabiex jipprovdu l-informazzjoni li hija strettament meħtieġa sabiex tippermetti lill-awtorità kompetenti twettaq spezzjonijiet u twettaq il-funzjonijiet tagħha skont dawn ir-regolamenti:

Iżda s-suġġetti tad-data għandhom ikunu infurmati b'mod xieraq u f'waqtu dwar l-ipproċessar tad-data personali tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data.

Kap. 586.